IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

23 ta' Novembru 2013
127/2013

## ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA TA' KRISTU RE U TMIEM IS-SENA TAL-FIDI

**Data: Il-Ħadd, 24 ta' Novembru 2013**

Post: Knisja ta' Marija Assunta, il-Mosta

Ħin: 4.30 p.m.

Għada, il-Ħadd 24 ta' Novembru 2013, fl-4.30 p.m., fil-Knisja ta' Marija Assunta, il-Mosta, ser tiġi organizzata ċelebrazzjoni Djoċesana fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' Kristu Re. It-tema għal din is-sena hi "Ġesù ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek" (Lq 23:42).

Din iċ-ċelebrazzjoni ser timmarka wkoll għeluq is-Sena tal-Fidi li nieda l-Papa Emeritu Benedittu XVI u li bdiet fil-11 ta' Ottubru 2012.

Il-programm taċ-ċelebrazzjoni Djoċesana ser jinkludi animazzjoni ta' kant, it-talba liturġika ta' filgħaxija u messaġġ mill-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. li ser imexxi din iċ-ċelebrazzjoni. L-Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Malta, Mons. Charles J. Scicluna, u l-Arċisqof Emeritu Ġużeppi Mercieca ser ikunu preżenti.

Għal din l-attività ser jattendi l-President ta' Malta, Dr George Abela.